MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 92/2009

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-dsatax (19) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), liema zwieg kien gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru ta’ registrazzjoni sebgha mija erbgha u erbghin tas-sena elfejn u sitta (744/2006) u dan kif jindika c-certifikat anness bhala Dokument “A”;

Illi l-kunsens tar-rikorrenti gie miksub bi vjolenza u biza’ da parti tal-intimat – Art. 19 (1) (a) Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg – Art. 19 (1) (d) Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens ta’ wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg – Art. 19 (1) (f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi tant dan iz-zwieg ma kellux isir tant illi l-konvenuta kienet riedet thassar iz-zwieg u fil-fatt izzewget minhabba biza’ kbira.

Peress illi l-partijiet ma kellhomx ulied mill-istess zwieg.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-dsatax (19) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) huwa null ai temini tal-Artiklu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghall-finijiet kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f'dan iz-zwieg tirrakkonta storja ta' vjolenza u biza' ezistenti zgur minn qabel iz-zwieg taghha.

"*Kien dahhalni fic-cirku ta' prostituzzjoni u kien jitlaqni fuq diversi postijiet u jigi lura ghalija aktar tard u mill-ewwel jistaqsi kemm kont gbart flus. Mhux l-ewwel darba li gejt imsawta mill-ewwel jew wara li jkun mar jixrob, hekk kif naslu lura d-dar kien jaghtini xi xebgha. Ippruvajt nahrab mid-dar imma meta nduna, qlajt xebgha kbira u heddidni li jekk nerga' nipprova din id-darba kienet tkun aghar. Bzajt infittex il-protezzjoni tal-Pulizija ghax emmint li jekk jinduna t-theddid jizdied jew inkella mit-theddid jghaddi ghal fatti permezz ta' swat. Stajt facilment nitlob ghall-protezzjoni ghaliex il-Pulizija qabduni kemm-il darba fil-prostituzzjoni u qatt ma kxift li kont qed nahdem ghalih. Dejjem bzajt li jfittixni jekk nahrab minnu u naqla' xi xebgha li ma nkunx niflah ghaliha.*

*Meta konna nkunu d-dar flimkien, ghaliex konna ukoll nghixu flimkien qabel ma zzewwigna, kien joqghod jara films pornografici u kien ikolli naghmel bhalhom inkella jaghtini xebgha. Kont qisni skjava; jew nobdi jew swat ahrax. Kien igieghlni naghmel atti sesswali li bihom inwegga' u ghalih kien qisu xejn mhu xejn.*

*Kien hemm cirkostanzi meta gabli rgiel biex ikolli relazzjonijiet sesswali maghhom u sirt naf ukoll illi meta kont inkun qieghda nistenna l-irgiel ghax-"xoghol" hu kien gieli mar ma' rgiel ghal relazzjoni maghhom.*"

Hija tghid ukoll:

"*Jiena ma ridtx nizzewweg u ppruvajt nahrab ghaliex ma ridtx li nintrabat. Kont ili nipprova nahrab u jekk kien sejjer isehh iz-zwieg kont qed nifhem li l-affarijiet ser jikkumplikaw ruhhom aktar. Hmistax qabel iz-zwieg ghamilt il-kuragg u ghidtlu li ma ridtx nizzewweg. Ma nistax nispjega x-xebgha li qlajt u nahseb li kien il-Bambin li salvani minn halq il-mewt. Qalli ghal hafna drabi li "jekk*

*ma nizzewgux jew nipprova naghmel xi haga biex inwaqqaf iz-zwieg" mieghu "ma kontx nibqa' hajja". Fil-fatt, din il-biza' kienet il-kagun li spiccajt izzewwigtu.*"

Ix-xhud mill-Agenzija Appogg tikkonferma:

"*Jiena nezercita l-professjoni ta' social worker fit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika. Is-Sinjura B ilha bil-file bil-kuntatt maghna mis-sena 2005. Diversi drabi fis-shelters taghna wara vjolenza domestika. Lilna kienet tghidilna illi r-ragel taghha kien jheddidha illi jekk titilqu joqtolha jew jisparalha. Lilna qaltilna li kienet izzewgitu sforz kemm kienet tibza' minnu. Ghadna niffolowjawha on and off sal-gurnata tal-lum.*"

F'kuntest ta' biza', dawn il-Qrati irritenew illi:

"*Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-artikolu 19 (a).*" ("**Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Novembru, 1982).

Kif ukoll:

"Il-biza' trid tkun ta' gravita' essenzjali. Mhux bizzejjed ghalhekk ansjeta' gewwinijiet f'dak li jkun." ("**Marica D'Amato vs Philip D'Amato**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla, Onor. Imhallef C Sciberras, fil-31 ta' Jannar 2003).

Il-Qorti hija konvinta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens kienet verament tezisti din il-biza' kbira u ghalhekk l-istess rikorrenti ma setghetx tat il-kunsens taghha liberament.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-19 ta’ Mejju 2006 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu minn C B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------